C/2026/3615

8.7.2026

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ M.12461 – ARES / ENI / PLENITUDE)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(C/2026/3615)

1. Fid-29 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Ares Management Corporation ("Ares", l-Istati Uniti), ikkontrollata minn Ares Partners HoldCo LLC ("Ares Partners", l-Istati Uniti),

— ENI S.p.A ("Eni", l-Italja),

— ENI plenitude S.p.A Società Benefit ("Eni plenitude", l-Italja), li bħalissa hija kkontrollata biss minn Eni.

Ares u Eni se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Eni Plenitude.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Ares hija maniġer globali tal-investimenti alternattivi li toffri lill-klijenti soluzzjonijiet ta' investiment primarji u sekondarji komplementari fil-klassijiet tal-assi tal-kreditu, tal-proprjetà immobbli, tal-ekwità privata u tal-infrastruttura,

— ENI huwa grupp tal-enerġija attiv fis-setturi taż-żejt u tal-gass, li jopera globalment fl-esplorazzjoni, fil-produzzjoni, fir-raffinar u fil-kummerċjalizzazzjoni taż-żejt u tal-gass naturali, kif ukoll fil-ġenerazzjoni u l-bejgħ tal-elettriku u fit-tranżizzjoni lejn soluzzjonijiet alternattivi tal-enerġija.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża Eni Plenitude huma dawn li ġejjin:

— Eni Plenitude hija attiva fil-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli, fil-bejgħ bl-imnut tal-elettriku u tal-gass naturali lil klijenti domestiċi u lil klijenti mhux domestiċi, fis-settur tal-elettromobbiltà u fil-provvista ta' servizzi ta' effiċjenza enerġetika.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]), għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12461 – ARES / ENI / PLENTITUDE

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË